# FIL-PRIM’AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

## Rik. Nru. 66/17JRM

Fl-Atti tar-Rikors għall-ħruġ ta’ Kontro-Mandat għall-Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju numru 16/17 fl-ismijiet:

Mario **GAFA**

vs

Noel **GAFA**

## Il-Qorti:

Rat ir-Rikors imressaq mis-sekwestrat eżekutat Noel Gafa’ (aktar ’il quddiem imsejjaħ “l-eżekutat”) fl-20 ta’ Jannar, 2017, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, talab (a) li l-Qorti tħassar il-Mandat ta’ Sekwestru fuq imsemmi, maħruġ kontrih fuq talba tal-intimat eżekutant Mario Gafa’ (aktar ’il quddiem imsejjaħ “l-eżekutant”), għall-finijiet tal-artikolu 836(1)(d) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta; (b) li l-Qorti tikkundanna lill-istess eżekutant għall-ħlas ta’ penali għall-finijiet tal-artikolu 836(8)(b) u (d) tal-istess Kodiċi; u (ċ) li, f’każ li l-Qorti ma ssibx li hemm raġunijiet tajbin biżżejjed biex tħassar il-Mandat, biex tordna lill-

eżekutant iressaq garanzija tajba għall-finijiet tal-artikolu 838A tal-istess Kodiċi;

Rat id-degriet tagħha tal-24 ta' Jannar, 2017, li bih ordnat in-notifika lill-eżekutant u tatu żmien biex iressaq is-sottomissjonijiet tiegħu għat-talbiet tar-rikorrent eżekutat;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-eżekutant fis-17 ta' April, 2017, li biha u għar-raġunijiet hemm dettaljatament imfissrin, laqa' għat-talbiet tal-eżekutat billi qal li filwaqt li kien jopponi t-talbiet li għamel l-eżekutat, kien qiegħed jaċċetta li jniżżel l-ammont kawtelat fil-mandat maħruġ minnu għas-somma ta' mija u ħdax-il elf mitejn u tmintax-il euro (€ 111,218), ladarba huwa ġie kanonizżat bħala kreditur tal-istess eżekutat bis-saħħa ta' sentenza li ngħatat minn din il-Qorti. Huwa jżid jgħid li l-fatt li l-pretensjonijiet tiegħu kienu kanonizżati b'sentenza juri li t-talba tiegħu għall-ħruġ tal-Mandat u la kienet waħda fiergħa u lanqas kapriċċuża. Għalhekk la hemm lok li ssir il-kundanna ta' penali u lanqas li huwa jqiegħed garanzija biex tagħmel tajjeb għad-danni li l-eżekutat jista' jbati minħabba l-ħruġ tal-mandat;

Rat l-atti tar-rikors u tal-Mandat li għalihom jirreferi;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni maħsuba taħt l-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Minn dak li joħroġ mit-talbiet li għandha quddiemha l-Qorti, ir-rikorrent eżekutat qiegħed jitlob it-tneħħija minn fuqu għal kollox tal-effetti ta' Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju maħruġ kontrih mill-eżekutant. Huwa qiegħed jitlob ukoll li l-Qorti tikkundanna lill-eżekutant għall-ħlas ta' penali u, fin-nuqqas tat-tħassir tal-Mandat, li tordna lill-eżekutant li jressaq garanzija tajba biex tagħmel tajjeb għad-danni li huwa jista' jġarrab bil-ħruġ tal-Mandat;

Illi minn <u>dak li jirriżulta mill-atti</u> u li huwa rilevanti għad-determinazzjoni ta' dawn il-proċedimenti, joħroġ li l-Mandat relattiv inħareġ kontra l-eżekutat fil-5 ta' Jannar, 2017. Il-Mandat inħareġ dwar pretensjoni ta' kreditu ta' mitejn u erbat elef tliet mija u ħamsa u erbgħin euro (€ 204,345) bħala "*arretrati ta' kera dovuta mill-intimat*". Il-Mandat inħareġ dak inhar stess li tressaq, u ġie notifikat lil seba' (7) sekwestratarji, il-biċċa l-kbira minnhom banek kummerċjali. Wieħed biss mill-imsemmija sekwestratarji bagħat jgħarraf lill-Qorti dwar jekk kellux f'idejh assi tal-eżekutat. Il-Mandat inħareġ biex iħares il-pretensjonijiet tal-eżekutant

f'kawża li huwa kien fetaħ kontra l-eżekutat f'Ġunju tal-2011[1] li fiha talab il-ħlas ta' arretrati ta' kera ta' stabiliment tal-familja li jinsab fil-Marsa;

Illi sadattant, din il-Qorti tat sentenza fis-6 ta' April, 2017, li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, laqgħet it-talba tal-eżekutant u ikkundanna lill-eżekutat għall-ħlas ta' somma likwidata ta' kera. L-eżekutat appella minn dik is-sentenza;

Illi għal dak li jirrigwarda l-aspetti ta' dritt li jsawru l-każ, mir-rikors jidher li l-eżekutat jibni t-talba tiegħu għat-tħassir tal-Mandat fuq il-kawżali maħsuba taħt l-artikolu 836(1)(d) u (f) tal-Kap 12. Kif ingħad, ressaq ukoll talba għall-kundanna tal-ħlas ta' penali taħt l-artikolu 836(8) u għall-għoti ta'garanzija xierqa taħt l-artikolu 838A tal-istess Kodiċi;

Illi għar-rigward tal-ewwel kawżali:

L-ammont mitlub mhuwiex *prima facie* ġustifikat jew hu eċċessiv [Art. 836(1)(d)];

L-eżekutat jibni din il-kawżali fuq l-argument li jekk wieħed iqabbel l-ammont mitlub fil-Mandat mal-ammont espress mitlub mill-eżekutant fir-Rikors Maħluf, wieħed malajr jintebaħ kemm hija kbira d-differenza bejn ammont u ieħor u kemm jista' jippretendi l-eżekutant innifsu bi ħlas għalih;

Illi, min-naħa tiegħu, l-eżekutant iwarrab dan l-argument imma, fl-istess waqt, jiddikjara li huwa lest li jnaqqas l-ammont imsemmi fil-mandat biex jiġi jaqbel mas-"*sorte*" kanoniżżat fis-sentenza, mal-ispejjeż legali marbutin mal-istess sentenza u l-imgħaxijiet kanoniżżati wkoll;

Illi l-Qorti tqis li, fis-sewwa, l-eżekutat għandu raġun jilminta mid-diskrepanza qawwija bejn l-ammont mitlub fil-kawża nnifisha u l-ammont mitlub fil-Mandat li suppost inħareġ biex jikkawtela l-imsemmija pretensjoni fil-kawża. Din iċ-ċirkostanza toħroġ mad-daqqa ta' għajn, u l-eżekutant ma jistax jistkenn taħt l-argument li jista' jkun hemm "bilanċi oħrajn li għadhom dovuti lilu" meta l-Mandat espressament inħareġ b'riferenza għall-pretensjonijiet magħmulin mill-eżekutant fil-kawża li jsemmi fil-"kawżali" ta' dak l-att ġudizzjarju;

Illi kif kellha okkażjoni tgħid bosta drabi oħrajn, il-Qorti tifhem li l-kejl li għandu jittieħed biex jitqies it-tħassir ta' Mandat kawtelatorju taħt din ir-ras huwa wieħed li jorbot il-kawżali tal-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk

[1] Rik. Nru. 542/2011JRM fil-kawża fl-ismijiet premessi

jirriżultax mad-daqqa t'għajn li l-intimata eżekutanti għandhiex bażi ta' pretensjoni, u fit-tieni lok jekk waslitx biex "tillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnha maħluf fil-Mandat. Wieħed m'għandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja ma għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza, u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti[2];

Illi hija l-fehma tal-Qorti li biex ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju jitqies bħala wieħed "eċċessiv", irid jintwera li bejn il-jedd pretiż u l-ammont maħsub li jħares dak il-jedd ikun hemm nuqqas ta' qbil lampanti li s-sens komun u ċ-ċirkostanzi tal-każ ma jistgħux iżewġu ma' xulxin. Il-fatt li ammont mitlub f'Mandat kawtelatorju ikun jidher li huwa xi ftit ogħla minn dak li, mad-daqqa t'għajn, jidher xieraq, ma jwassalx tabilfors għat-tħassir tal-Mandat li jkun iżda, l-iżjed, għat-tnaqqis tal-ammont sekwestrat[3];

Illi, min-naħa l-oħra, lanqas ma jista' jingħad li l-Mandat intalab u nħareġ għal xejn u l-fatt li, tajjeb jew ħażin, is-sentenza ikkanonizżat ammont favur l-eżekutant, iwassal biex il-Qorti ma tistax tilqa' t-talba tal-eżekutat biex tħassar għal kollox l-istess Mandat;

Illi għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti issib li l-eżekutat taha raġuni tajba biex tordna t-tnaqqis tal-ammont kawtelat bil-Mandat;

B) <u>Jintwera li fiċ-ċirkostanzi mhuwiex raġonevoli li l-mandat jinżamm fis-seħħ jew li huwa ġustifikabbli</u> [Art. 836(1)(f)]. Jidher li din il-kawżali tinbena wkoll fuq l-argument tal-eżekutat li huwa vittma tad-disgwid li nqala' bejn l-eżekutant (missieru) u martu (omm l-eżekutat) billi jgħid li l-ftehim kien li huwa kellu jingħata l-istabiliment bla ħlas;

Illi f'dan il-każ, il-Qorti ma tqisx li l-eżekutat għandu raġun. Id-dispożizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li, **wara l-ħruġ tal-Mandat,** tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ[4]. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa ma għadux il-każ;

Illi minn dak li ħareġ mill-atti u minn dawk tal-kawża, jekk kien hemm xi bidla li ġrat wara l-ħruġ tal-Mandat kienet li s-sentenza fil-mertu laħqet

---

[2] Ara P.A. RCP **29.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Merċieca vs George Galea***
[3] Ara, per eżempju, PA GV **6.12.1999** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Salvino Farruġia noe vs Exalco Holdings Ltd.***
[4] Ara P.A. GC **3.8.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Dr Tonio Fenech noe vs Dr Patrick Spiteri et noe et***

ingħatat u b'hekk (għall-anqas quddiem il-Qorti tal-ewwel istanza) il-kreditu pretiż kien kanoniżżat. Għalhekk, fil-fehma tal-Qorti u fid-dawl ta' din iċ-ċirkostanza jidher li, bħalma kien il-każ fil-kawżali ta' qabel, il-Qorti tordna mhux it-tħassir tal-Mandat, daqskemm it-tnaqqis tal-ammont kawtelat;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tasal biex tilqa' t-talba tal-eżekutat taħt din il-kawżali billi sejra tnaqqas l-ammont kawtelat bil-Mandat, imma mhux it-tħassir għal kollox tiegħu;

Illi, kif ingħad, ir-rikorrent eżekutat talab ukoll ir-rimedju tal-kundanna tal-intimat eżekutant għall-ħlas ta' penali[5];

Illi dwar il-kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltativa. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, tista' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ Mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultativa, irid jintwera għas-sodisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi biex tali sanzjoni tiġi imposta. Erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi[6], iżda biżżejjed jekk tirriżulta waħda minnhom biex il-Qorti tista' taċċetta li tqis it-talba għall-kundanna tal-ħlas tal-penali. Dwar din id-diskrezzjoni ngħad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirriżultaw l-estremi li l-liġi teżiġi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss tagħżel li ma timponix il-penali maħsuba fl-artikolu 836(8) f'każijiet estremi fejn is-sens ta' ġustizzja hekk kien jimponilha[7]. Il-penali maħsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija waħda ta' ordni pubbliku immirata li tiżgura serjeta' fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix li l-istitut tal-Mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż[8];

Illi f'dan il-każ, fit-tieni parti tat-talba tagħha, ir-rikorrent eżekutat jirreferi għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 836(8)(b) u tal-artikolu 836(8)(d) tal-Kap 12;

Illi dwar l-ewwel ċirkostanza, il-liġi trid li qabel ma jinħareġ Mandat (u sakemm ma jkunx hemm raġunijiet ċari ta' urġenza) l-eżekutant jitlob lid-debitur tiegħu fi żmien ħmistax-il jum, biex iħallsu d-dejn li għandu miegħu. Daqstant ieħor trid li, wara li jkun inħareġ il-Mandat, l-eżekutat jitlob lill-eżekutant biex ineħħi l-Mandat u dan tal-aħħar jonqos li jagħti raġuni tajba biex iżomm dak il-Mandat fis-seħħ;

---

[5] Taħt l-art. 836(8) tal-Kap 12
[6] Ara P.A. TM **13.3.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Cole Foods Ltd. vs Euro Imports Ltd.***
[7] App. Ċiv. **13.3.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Rapa vs Raymond Sammut***
[8] P.A. RCP **17.6.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Borġ. Pro et noe vs Joseph Paċe noe et***

Illi t-talba li ssemmi l-liġi ma tridx tkun tabilfors waħda solenni fis-sura ta' att ġudizzjarju jew kawża formali[9], u biżżejjed tkun waħda verbali. Fil-każ tal-lum, ir-rikorrent eżekutat ma weriex kif il-Qorti tista' tasal biex timponi l-penali fuq l-eżekutant taħt din ir-raġuni. Dan qiegħed jingħad l-aktar għaliex sa minn żmien twil qabel ma nħareġ il-Mandat, l-eżekutant kien ressaq il-pretensjonijiet tiegħu fl-atti tar-Rikors Maħluf u, kif l-eżekutat kellu kull jedd jagħmel, dawn il-pretensjonijiet kienu u baqgħu kontestati. Fil-fehma tal-Qorti, il-kawża mibdija mill-eżekutant tikkostitwixxi l-interpellanza l-aktar uffiċjali possibbli tal-pretensjonijiet tiegħu u konformi mal-ħtiġijiet imsemmija f'din id-dispożizzjoni tal-liġi;

Illi għalhekk ma jirriżultawx l-estremi biex tapplika s-sanzjoni tal-penali taħt din il-kawżali;

Illi dwar it-tieni ċirkostanza, il-liġi titlob li l-persuna eżekutata bi ħruġ ta' Mandat turi b'raġuni u b'mod tajjeb biżżejjed li l-parti eżekutanti kienet imxiet b'ħażen jew b'mod fieragħ u vessatorju fil-ħruġ tal-Mandat. Waħda minn dawn it-tliet raġunijiet tkun biżżejjed, imma l-prova ta' mqar waħda minnhom trid issir minn min jallega li l-Mandat ikun inħareġ kontrih;

Illi, kif ingħad, l-eżekutat jisħaq li l-Mandat inħareġ kontrih minn missieru bil-għan waħdieni li jitfa' pressjoni mhux mistħoqqa fuqu u biex idejqu u jkissru finanzjarjament;

Illi huwa minn ewl id-dinja li min jippretendi li għandu jitħallas jinqeda bil-mezzi li tagħtih il-liġi ħalli jiżgura dak il-ħlas. B'daqshekk ma jfissirx li jkun mexa bi frodi, b'mod fieragħ jew b'abbuż tal-proċess ġudizzjarju;

Illi l-Qorti ma ssibx li, f'dan il-qafas, jeżistu l-elementi biex tasal għall-fehma li t-talba għall-kundanna tal-penali hija mistħoqqa taħt il-kawżali msemmija. Il-Qorti qieset li diġa' ntwera li ma jeżistux ir-raġunijiet għat-tħassir għal kollox tal-Mandat u s-sentenza mogħtija minnha turi li l-ħruġ tal-Mandat ma kienx fieragħ;

Illi għalhekk il-Qorti fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet diġa' magħmula iżjed 'il fuq ma jirriżultawlhiex raġunijiet tajbin biżżejjed biex timponi l-kundanna għall-penali minħabba l-ħruġ tal-Mandat[10]. F'dan il-każ, il-Qorti sejra timxi wkoll fuq il-massima li l-bona fede hija preżunta u li l-ħażen irid jiġi ippruvat[11];

[9] App. Ċiv. **13.3.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Rapa vs Sammut*** (Kollez. Vol: **LXXXV.ii.142**)
[10] P.A. TM **5.6.2003** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet **Emanuel Sammut et vs Josephine Sammut**
[11] Ara, per eżempju, App. Ċiv **7.7.1920** fil-kawża fl-ismijiet **Miller Blacker pro et noe vs Howard** (Kollez. Vol: **XXIV.i.554**)

Illi l-Qorti ma ssibx li, f'dan il-qafas, jeżistu l-elementi biex tasal għall-fehma li t-talba għall-kundanna tal-penali hija mistħoqqa taħt il-kawżali msemmija;

Illi dwar it-talba tar-rikorrent eżekutat għall-għoti ta' garanzija irid jingħad li l-liġi trid li lill-Qorti tintwera "kawża ġusta" biex twassalha tqiegħed fuq il-parti eżekutanti ta' Mandat kawtelatorju l-piż li toffri garanzija tajba. Il-fatt waħdu li jkun inħareġ il-Mandat ma jitqiesx bħala "kawża ġusta" għall-finijiet ta' dan l-artikolu[12]. Irid ikun hemm raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti tagħti dik is-sanzjoni, x'aktarx imsejsin fuq il-ħtija kif imfissra fl-artikoli 1031 u 1032 tal-Kodiċi Ċivili[13];

Illi ngħad ukoll li d-danni li għalihom jirreferi l-artikolu taħt eżami huma dawk li l-intimat eżekutant jista' jipprova li jkun ġarrab direttament minħabba l-ħruġ tal-att kawtelatorju u bħala konsegwenza ta' tali ħruġ[14], u dment li jikkonkorru l-elementi mitluba mil-liġi għal tali likwidazzjoni;

Illi l-ammont tal-garanzija li jrid jiġi iffissat irid iżomm bilanċ xieraq bejn il-jedd li persuna tressaq att kawtelatorju biex tħares il-pretensjonijiet tagħha f'kawża pendenti, u l-effett li tali att iħalli fuq il-persuna li kontra tagħha jinħareġ dak il-Mandat. Ta' min jgħid hawnhekk li l-ordni biex tingħata garanzija mhijiex l-istess bħal kundanna ta' penali jew kundanna għall-ħlas ta' danni: l-għan waħdieni tagħha huwa li tqiegħed lill-parti eżekutata f'qagħda li, meta u jekk tintemm proċedura jew kawża għal dan il-għan, issib assi li fuqhom tkun tista' teżegwixxi deċiżjoni favorevoli għaliha;

Illi, b'żieda ma' dan kollu, talba għall-għoti ta' garanzija taħt l-artikolu 838A tal-Kap 12 tista' tintlaqa' biss fejn ma tkunx intlaqgħet it-talba għat-tħassir tal-Mandat;

Illi meta jittieħed b'qies kulma ngħad aktar qabel u ċ-ċirkostanza ewlenija li, sadattant, din il-Qorti tat is-sentenza tagħha fil-mertu, ma jirriżultax li jeżistu raġunijiet tajbin biex il-Qorti tgħabbi lill-eżekutant (li, f'dan l-istadju, huwa kreditur kanoniżżat b'sentenza li hija appellata) bl-għoti ta' garanzija kif maħsuba fl-artikolu 838A tal-Kap 12;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' limitatament l-ewwel talba** tar-rikorrent eżekutat, billi tnaqqas l-ammont tas-somma kawtelata bil-Mandat imsemmi sal-ammont ta' mija

---

[12] Ara P.A. GC **4.10.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Paul Caruana vs Rudolphe Gaerty***
[13] Ara P.A. TM **18.9.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***John Żarb vs Port Cottonera Ltd.***
[14] Ara P.A. GC **2.3.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Avukat Vincent Falzon noe vs Alex Sullivan***

u ħdax-il elf mitejn u tmintax-il euro (€ 111,218), imma tħalli l-istess Mandat fis-seħħ għall-bqija;

**Tiċħad it-tieni talba** tal-eżekutat billi ma jeżistux l-elementi biex il-Qorti tikkundanna lill-eżekutant għall-ħlas tal-penali minħabba l-ħruġ tal-Mandat;

**Tiċħad it-tielet talba** billi mhijiex mistħoqqa fil-fatt u lanqas fid-dritt; u

**Tordna** li, minħabba ċ-ċirkostanzi mfissra aktar 'il fuq, l-**ispejjeż** ta' din il-proċedura jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Mogħti kameralment illum, it-23 ta' Mejju, 2017.

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.,**
**Imħallef**

**Carmen Scicluna**
**Deputat Registratur**

Komunika: Dr. Marlon Borġ LL.D. – għar-rikorrent eżekutat
Dr. Patrick J. Galea LL.D. – għall-intimat eżekutant

(Kopja għan-notifika tal-partijiet)